MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' April, 2010

Appell Civili Numru. 255/2008/1

**Josephine *sive* Josette Zammit**

**vs**

**Darren Woodhead**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Dicembru, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti:-
>
> Rat l-avviz pprezentat mill-attrici nhar is-sbatax (17) ta' Lulju 2008 fejn tablet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' €6,988.12 ekwivalenti ghal tlett elef lira maltin (LM3,000) jew somma verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti, rapprezentanti self brevi manu li sar

mill-attrici lill-konvenut u dan bejn is-snin 2003 u 2004, liema somma l-konvenut naqas li jirrifondi lura lill-attrici minkejja diversi nterpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez inkluz tal-Ittra Ufficcjali datata wiehed w ghoxrin (21) ta’ Mejju 2008 u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota t’eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-tmintax (18) t’Awwissu 2008 fejn eccepixxa s-segwenti:-

“1. Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta w ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma sar l-ebda self brevi manu u kwindi l-ebda ammont ma huwa dovut.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jispetta lill-attrici ggib prova ta’ dak minnha allegat, inkuz izda mhux biss tad-data tal-allegat self, izda wkoll ghas-somma allegatament mislufa w ghalhekk, in vista tan-natura neboluza tat-talbiet attrici ‘n kwantu ma huwiex specifikat iz-zmien tal-allegat self, l-konvenut eccipjent irriserva li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri wara li jkunu ccarati t-talbiet u n-natura tat-talbiet tal-attrici.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost limitatament in kwantu jirrigwarda l-ispejjez fl-ewwel lok, stante t-talbiet ta’ l-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt dawn ghandhom jigu sopportati unikament mill-istess attrici, u fit-tieni lok in kwantu jirigwarda l-Ittra Ufficcjali tal-wiehed w ghoxrin (21) ta’ Mejju 2008 l-ispejjez ghandhom jigu soppportati fi kwalunkwe kaz mill-attrici, stante li

hija ma setghetx tirrikorri ghal procedura kontemplata fl-artikolu 166 A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll stante li l-istess ittra saret kontra Amanda Woodhead, li minnha l-konvenut huwa legalment separat w ghalhekk ma jissustix ir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti, fatt maghruf mill-istess attrici u li saret biss sabiex tivvessa u timmolesta u mhux sabiex tikkawtela xi dritt.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Semghet lill-attrici **Josephine sive Josette Zammit** tixhed nhar it-tmienja (8) ta' Jannar 2009 fejn spjegat li hija kienet silfet is-somma ta' elfejn u hames mitt lira maltin (LM2,500) lill-konvenut sabiex jixtri karozza u dan fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju 2003. Qalet li hija kienet gabret dawn il-flejjes taghha minn go zewg kontijiet li hija ghandha ma zewg banek differenti skond id-dokumentazzjoni li esibiet bhala Dok. 'A', 'B' u' C'.

Tghid li dakinhar kienet iltaqghet mieghu hdejn ir-Riviera ghax kien gadau xoghol pero ma marritx mieghu ghal karozza. Sussegwentment kienet silfitu mitt lira ohra (LM100) sabiex jixtri *CD player* peress li tieghu kien insteraqlu. Tghid li silfitu mitt lira ohra (LM100) sabiex jaghtihom ir-ragel t'ohtu ghaliex kien ssellifhom minghandu u kien xeba' jigri warajh. Tghid li hija kienet marret mieghu sabiex din il-persuna tithallas gewwa B'Bugia u li taghtu mitt lira ohra (LM100) ghaliex kellu bzonn jiehu l-karozza ghand il-*mechanic*. Ikkonfermat li taghtu wkoll mitejn lira ohra (LM200) li harget mill-visa taghha sabiex jixtri *mobile phone* li kien xtara fil-presenza taghha (Dok. 'Y').

Ikkonfermat li kienet baghtet Ittra Ufficcjali lill-konvenut fil-wiehed w ghoxrin (21) ta' Mejju 2008 u esebiet kopja taghha bhala Dok. 'R' kif jirrizulta a fol. 17 tal-atti.

Stqarret li l-konvenut dahaq biha ghaliex sa dakinhar li xehdet, kien ghadu ma hallashiex lura. Mistoqsijja jekk haditx dawn l-passi ghaliex kien inqala' incident, hija tghid li ma kienx minnu u li damet biex tipprocedi sabiex taghtih cans isib impieg. Tghid li sa Marzu 2008 dan kien ghadu qed jitlobha l-flus. Tghid wkoll li l-*mobile phone number* tal-konvenut huwa '79594215' filwaqt li dak taghha huwa '79286123'.

Illi f'din l-istess seduta kien intqal li l-konvenut kien baghtilha xi messaggi fuq il-*mobile phone* taghha bhala rikonoxximent tad-debitu tieghu w ghalhekk kienet ipprezentat il-*mobile phone* taghha l-Qorti u dan sabiex jigi analizzat minn espert tekniku.

Illi f'dik l-istess seduta gie nominat Dottor Stephen Farrugia Sacco sabiex janalizza l-*mobile phone* taghha u sabiex johrog *call profile* tal-messaggi kollha li gew rekordjati li saru minn fuq in-numru '79594215' ricevuti minnha.

Illi nhar il-hamsa (5) ta' Marzu 2009 xehed **Dottor Stephen Farrugia Sacco** u esebixxa r-relazjoni tieghu wara li halef il-kontenut taghha, liema relazzjoni hija mmarkata bhala Dok. 'SFS'.

Minn ezami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta li kien hemm certu hbieberija kbira bejn il-kontendenti u li kien ikollhom diversi nkontri. Jirrizulta wkoll li verament l-konvenut kien ghaddej minn xi perjodu hazin u li kien ifittex lill-attrici ghas-soljev, pero ma jirrizulta minn ebda messagg li effettivament l-konvenut qatt irrikonoxxa li ghandu jaghti xi flus lill-attrici.

Rat in-nota tal-konvenut esebita a fol. 84 li permezz taghha pprezenta sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Gunju 2009 fl-ismijiet **Carmelo Abdilla et vs Frances Gloria Crockford** li ghaliha saret referenza waqt l-udjenza quddiem din il-Qorti.

Rat in-nota tal-attrici pprezentata nhar id-dsatax (19) ta' Novembru 2009 li permezz taghha esebiet fotokopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **<u>Giorgio Demarco vs Giovanni Aquilina.</u>**

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza tikkoncerna talba maghmula mill-attrici sabiex din il-Qorti tikkundanna lill-komnvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett elef lira maltin (LM3000) rapprezentanti self brevi manu maghmul minnha lilu f'xi zmien bejn is-sena 2003 u s-sena 2004.

Il-konvenut minn naha l-ohra, qed jghid preliminarjament, li din it-talba hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156 w ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

Huwa rilevanti f'dan l-istadju li l-Qorti tghamel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Civili nhar id-disgha (9) ta' Frar 2005 fl-ismijiet **<u>Austin Psaila vs Lother Slabick</u>** dwar dak li intqal fuq l-preskrizzjoni**.**

"Huwa pacifiku li meta tigi sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, l-attur-kreditur ghandu ghad-disposizzjoni tieghu, diversi ghazliet possibbli biex jikkombattiha. *Ad exemplum*: **(1)** l-inapplikabilita` ghal meritu tal-kaz tal-preskrizzjoni specifika. Fil-fehma tal-Qorti ma jidhirx li din il-possibilita` giet sew koltivata mill-attur appellant, tenut qies tal-fatt li l-preskrizzjoni bjennali prevvista mill-artikolu 2153, Kodici Civili tikkolpixxi "*l' azione perrisarcimento del danno derivante dal fatto illecito, e non quello del risaricimento del danno contrattuale, soggetta quest' ultima azione alla prescrizione confacente al determinato contratto*" (**Kollez. Vol. XXVIII P I p 726**). F' materja ta' preskrizzjoni, l-Qorti ma tistax *marte proprio*

tindahal fid-difiza tal-parti u tissuggerixxi x' messha kienet il-preskrizzjoni applikabbli ghall-fatti speci tal-kaz; **(2)** is-sospensjoni; **(3)** l-interruzzjoni, jew billi l-attur jiddemostra dan permezz ta' xi att gudizzjarju (Artikolu 2128, Kodici Civili) jew billi juri ghas-sodisfazzjoni tat-Tribunal illi b' certa attitudni tieghu l-konvenut debitur qieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li jirrendi nkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-bazi tal-preskrizzjoni.

F' dan il-kuntest, huma annoverati s-sitwazzjonijiet previsti mill-artikoli 2133 u 2134 tal-Kodici Civili.

Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni tal-ezistenza tad-dritt. *Ad exemplum*, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f'denunzja tas-successjoni jew f' forma ta' entrata fl-*accounts.* Jinsab precizat ukoll, kemm fidduttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt, ghal fini tal-interuzzjoni tal-preskrizzjoni, hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, tal-inekwivocita`, dejjem b'mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn, li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att.

Jibqa' dejjem imperattiv li l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti, trid issir mill-attur, billi huwa dan, li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti.

Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti li, anzi, ghandha l-kompitu li jiddeciedi *"iuxta allegata et probata*". Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, kif drabi ohra deciz, "jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m'hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress

li l-posizzjoni guridika tkun, li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni.” (**Kollez. Vol. XXX P I p 989**).

Ghaldaqstant dak li hu mportanti hu, li r-rikonoxximent allegat mill-attur, ikun car u esplicitu (**Kollez. Vol. XXXVIII P III p 723**).

F’dan il-kaz ma kien l-ebda interruzzjoni, ghalkemm l-attrici ittentat tipprova li kien hemm xi rikonoxximent f’xi mesagg mibghut lilha permezz ta’ *sms*.

Iccarat is-suespost, in vista ta’ dak li allega l-attur li kien hemm l-interuzzjoni, jigi sottolinejat ukoll li l-accertament tal-ezistenza jew le t’atti validament interruttivi tal-preskrizzjoni eccepita, jikkostitwixxi ndagini ta’ fatt rizervat ghall-apprezzament tal-Qorti adit.

F’din il-kawza il-Qorti ghandha biss ix-xhieda viva voce tal-attrici u d-dokumentazzjoni esebiti minnha.

Jinghad li mill-provi dokumentarji jirrizulta li verament l-attrici gibdet somma flus f’Mejju 2003 u cioe aktar minn hames snin qabel ma giet intavolata l-kawza.

Jirrizulta wkoll li l-attrici kienet pprezentat Ittra Ufficcjali kontra l-konvenut nhar il-wiehed w ghoxrin (21) ta’ Mejju 2008 w ghalhekk ukoll hames snin wara li gew irtirati l-flus mill-attrici mill-kont taghha u skond ix-xhieda taghha, moghtija lill-konvenut.

Ma hemmx dubbju ghalhekk li bejn il-perjodu tas-self u il-perjodu li gew intavolati proceduri gudizzjarji, ghaddew hames snin u konsegwentement l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni ai

termini tal-artikolu 2156 tal-Kap 16 tirrizulta ppruvata.

In vista tal-fatt li din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qieghda tigi milqugha, l-Qorti m’ghandhiex ghalfejn titratta l-eccezzjonijiet l-ohra.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut u b’hekk tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.”

Bl-appell taghha minn din is-sentenza l-attrici ticcensura lill-ewwel Qorti illi din injorat l-ittra ufficcjali taghha tal-21 ta’ Mejju 2008 li permezz taghha interrompiet il-preskrizzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 2156, Kodici Civili opposta mill-konvenut. Tissottometti wkoll illi, f’kull kaz, kien hemm da parti tal-konvenut ir-rikonoxximent tad-debitu;

Ghal dak li jghodd, jinzel mill-atti tal-kaz u mis-sentenza impunjata dan li gej:-

1. L-attrici tghid li selfet lill-konvenut fil-31 ta’ Mejju, 2003 u f’okkazjonijiet posterjuri somom ta’ flus ammontanti fil-kumpless ghac-cifra minnha mitluba fl-Avviz. Ghal din it-talba l-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni kwinkwennali;

2. Fil-21 ta’ Mejju, 2008 l-attrici interpellat ufficcjalment lill-konvenut biex jirrifondilha lura s-somma mislufa (ara kopja a fol. 17);

3. In meritu l-ewwel Qorti rragonat illi nonostante dak l-att gudizzjarju b’dik it-talba l-hames snin kienu diga ghaddew wara li gew irtirati l-flus mill-attrici mill-kontijiet taghha u mghoddija lill-konvenut;

4. Mhux dan biss pero`. L-istess l-ewwel Qorti rragonat ukoll illi bejn il-perijodu tas-self u l-perijodu li gew intavolati l-proceduri gudizzarji, ghaddew hames snin u ghaldaqstant l-preskrizzjoni eccepita hi fondata;

Hu definit mill-Artikolu 2107 (2), Kapitolu 16 illi "l-preskrizzjoni hija wkoll mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-ligi". Jikkonsegwi minn dan, fil-hsieb tal-Qorti, illi r-ricerka li trid issir tirrikjedi fl-ewwel fazi taghha l-ezami jekk iz-zmien prefiss mil-ligi, skond il-preskrizzjoni specifika applikabbli, iddekorriex;

In tezi generali, apparti ghall-mument mic-cirkostanzi partikulari tal-kaz prezenti, jinsab dettat mill-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili illi "bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". In materja din il-Qorti kif presjeduta diga` ssoffermat drabi ohra u mhux il-lok li toqghod hawn terga' tirrepeti l-principju spjegat ukoll f'gurisprudenza kopjuza. Ara b'referenza s-sentenza fl-ismijiet "**Carmela Dalli -vs- Monomark Developments Ltd**", Appell Inferjuri, 13 ta' Marzu, 2009. Di regola l-principju predett f'dik id-disposizzjoni hu allaccjat ghal dak tal-principju l-iehor maghruf illi "*contra non volentem agere non currit praescriptio*". Dan b'referenza ghall-kawzi guridici impeditivi ghall-ezercizzju ta' l-azzjoni, bhal per ezempju fejn id-dritt hu sottopost ghal terminu jew ghal xi kondizzjoni sospensiva. Ara fuq il-punt ir-riflessjonijiet li saru minn din il-Qorti in re: "**GasanMamo Insurance Agency Limited -vs- Jospeh Zammit**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 10 ta' Ottubru, 2005;

B'dan in mira, il-fattispeci tal-kaz li l-ewwel Qorti kellha quddiemha kienu fis-sostanza, u del resto, kif minnha stess affermat fil-korp tas-sentenza, jekwivalu ghall-kuntratt ta' self "brevi manu". In essenza, kif konstatat fis-

sentenza "**Perit Ondre Camilleri -vs- Leslie Corney**", Appell Inferjuri, 27 ta' Ottubru, 2000, per Imhallef Joseph Said Pullicino, dan huwa kuntratt "li bih min jislef javvanza flus lil min issellef, li minn naha tieghu jassumi l-obbligu li jirrestitwihom. Bhal kull kuntratt iehor, kif dejjem jista' jkun wiehed car u specifiku, jista' jkun ukoll dezunt mill-provi cirkostanzjali li ma jhallu l-ebda dubju f'mohh il-gudikant x'kienet il-volonta` kontrattwali tal-partijiet involuti fin-negozju";

Premess dan, huwa utli, fid-determinazzjoni tad-*dies a quo* skond il-predett Artikolu 2137 tal-Kodici Civili, illi ghal dak li huwa d-dritt ta' azzjoni ghall-kreditu wiehed jiddistingwi bejn il-prestazzjoni rimessa ghall-att potestativ tal-kreditur u l-kaz fejn il-prestazzjoni hi bla terminu jew b'terminu incert;

Taht l-ewwel ipotesi hu l-kaz fejn is-self hu esigibbli "*a semplice richiesta del creditore*". Kif spjegat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Rev. Kjeriku Carmelo Bonavia *et* -vs- Giuseppe Fenech *et***", Appell Civili, 27 ta' Mejju, 1946, f'kaz bhal dan "l-kreditur ma jkunx marbut bl-ebda zmien u ghalhekk, salv li jaghti zmien ragonevoli lid-debitur la darba silfu l-flus, huwa fi kwalunkwe mument seta' jitlob ir-restituzzjoni tal-flus". F'dan il-kaz il-bidu tal-preskrizzjoni hu dak il-mument li fih jinsorgi d-dritt ta' l-azzjoni, ossija mid-data tar-rikjesta;

Taht it-tieni ipotesi d-*dies a quo* jikkoincidi ma' dak li fih titwieled l-obbligazzjoni. F'materja ta' self ta' flus l-*exordium obligationis* ghal fini tal-preskrizzjoni ma huwiex dak tad-data li fih sar is-self, jew id-data ta' l-iskrittura tas-self, imma d-data li fiha kellha ssir ir-restituzzjoni. Ara "**Bazilju Zammit -vs- Leonardu Mizzi *et***", Appell Civili, 19 ta' Gunju, 1970 u "**Catherine Busuttil *et* -vs- Catherine Farrugia**", Appell Civili, 12 ta' Marzu, 1973. Biex wiehed jara liema hi din id-data ta' restituzzjoni wiehed ikollu jirrikorri ghad-dispost ta' l-Artikolu 1078 (a) tal-Kodici Civili li jipprovdi illi "jekk l-obbligazzjoni ghandha

bhala oggett taghha l-hlas ta’ somma ta’ flus, dik ghandha tigi ezegwita fi zmien sentejn, jekk dik is-somma ghandha tinghata minghajr imghax, jew, fi zmien sitt snin jekk is-somma ghandha tinghata bl-imghax”;

Trasportat dan li nghad ghall-fattezzi tal-kaz in ezami, trattasi minn self ghal liema ma kien mahsub ebda mghax, ankorke hu ammess li l-flejjes mislufa ghaddew fil-31 ta’ Mejju, 2003, it-terminu preskrittiv oppost ta’ hames snin ma kellux il-bidu tieghu f’dik id-data izda mid-data tad-dekors tas-sentejn li fihom kellu jsir ir-radd lura tas-self skond il-previzjoni tal-ligi fl-artikolu predett. Li jfisser, illi d-dekorriment tal-hames snin kellu l-bidu tieghu mill-31 ta’ Mejju, 2005. Li jfisser ukoll, b’konsegwenza illi l-perijodu kwinkwennali estintiv ma kienx ghadu skada meta giet intavolata l-azzjoni (17 ta’ Lulju, 2008). *Multo magis*, imbaghad, fil-kaz ta’ l-ittra ufficcjali tal-21 ta’ Mejju, 2008;

Jikkonsegwi minn dan kollu illi l-iskoll ta’ l-estinzjoni taz-zmien ghall-proponiment ta’ l-azzjoni ma kienx fattibbli u dan kellu jitraduci ruhu fis-sens illi kull indagini ta’ xi possibbli interruzzjoni jew rikonjizzjoni tad-debitu lanqas ma kien hemm lokha, gjaladarba z-zmien legali tal-preskizzjoni li fuqha l-konvenut ibbaza d-difiza tieghu ma kienx ghadu, ghar-ragunijiet premessi skada;

Fic-cirkostanzi l-Qorti ser ikollha tiddiskosta ruhha kompletament mar-ragonament u l-konkluzjoni tas-sentenza appellata in kwantu l-istess tiddifetta minn vizzji ta’ dritt. Mhux il-kaz li din il-Qorti tirrimanda l-atti lura lill-ewwel Qorti ghal dibattitu ulterjuri fuq il-mertu tat-talba, tant ghaliex, kif rilevat fl-istess sentenza, il-konvenut baqa’ ma xehedx, tant ghaliex ukoll mill-analisi komplessiva tal-provi prodotti mill-attrici din il-Qorti hi sodisfatta li s-self sar lill-konvenut u li dan baqa’ inadempjenti meta mitlub jirrestitwixxi.

Ghal motivi kollha premessi l-Qorti qed tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata li akkoljiet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a norma ta' l-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili, u, konsegwentement, tordna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici l-ammont kapitali tas-self indikat fl-Avviz, flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi mid-data tan-notifika ta' l-istess Avviz (2 ta' Awissu, 2008). L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------